Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,696, 27 ta' Ottubru, 1998
Taqsima B

A.L. 235 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1993 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts - B.A.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1993 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2000 jew wara.

Emenda għas-sotto-paragrafu (b) tal-prargrafu (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto-paragrafu (b) tal-paragrafu (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"minn Ottubru 2000: *International Relations,* grad li għadda kif indikat hawn fuq fl-Istorja;"